**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 28 ta' Ottubru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Tkompli tixhed **l-Assistent Kummissarju Alessandra Mamo** iben Antonie imwielda z-Zurrieq u stazzjonata d-Dipartiment tar-Reati Finanzjarji bil-Malti u bil-gurament taghha tghid :

***Ix-Xhud :***
Li insejt nirrealta illi fl-4 ta' Awwissu kont sejjaht laqgha, xtaqt niltaqa' mal-familja tal-mibkija Daphne Caruana Galizia; sejjaht, ghax dak iz-zmien kont ghadni id-Depot, u flimkien ma' l-avukat tal-familja jiena kont.. tkellimna, ghaliex ridt nisma' il-vittma, ghaliex jiena lill-vittma intiha precedenza u importanza hafna; minhabba l-Victims of Crime Act.. ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Prosit…

***Imhallef A Lofaro :***
U mhux hekk ghandhom ikunu! Hekk ghandu jkun.

***Ix-Xhud :***
…u rrid ukoll li nkompli nerga' insejjah b' mod partikolari ghaliex nistqarr illi…, jiena nemmen illi t-tifel Matthew his eyes spoke volumes

***Imhallef A Lofaro :***
Dak ra kollox.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri jiena ghandi d-dover illi anke nkellmu

***Imhallef A Lofaro :***
Bhala umana; as human being hux!…

***Ix-Xhud :***
…. Jekk xejn

***Imhallef J Said Pullicino :***
Din il-parti nahseb li ahjar nippubblikawha.

***Ix-Xhud :***
Ehe, din ghax sfuggietli.

***Imhallef A Lofaro :***
Din ahjar nghiduha; din tkun fil-pubbliku ta'.

***Ix-Xhud :***
Jekk il-Qoti trid tghajjat lill-gurnalisti..; ma nafx

***Imhallef A Lofaro :***
Intuha lill-Press..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jew inkella ha nghidlek x' taghmel, tihieli l-quote..

***Ix-Xhud :***
M' ghandix miktuba

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ha nikteb xi haga jiena.

***Ix-Xhud :***
Insejtha u qieghda quddiemi

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Forsi l-familja ma tkunx trid turi li saret din il-laqgha …

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le le ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hemm kienet Dr Therese! Imma ghandha tohrog din li hadet dik il-briga hux!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ahna nassistu lil xulxin jigifieri…

***Ix-Xhud :***
Le imma jiena nifhem u niehu pacenzja ghaliex nidhol fiz-zarbuna tal-vittma. U nista' nimmagina minn xiex ghadda.

**<u>HAWNHEKK jergghu jidhlu l-gurnalisti</u>**

***Imhallef A Lofaro :***
Kemm tiehdu nota ta' dak li ser tghid please.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela erga' irrepeti

***Imhallef A Lofaro :***
Mela terga' tirrepti x' gara f' Awwissu please?

***Ix-Xhud :***
Jiena f' Awwissu, fl-4 ta' Awwissu jiena xtaqt li niltaqa' mal-familja tal-mibkija Daphne Caruana Galizia, wkoll kellu .. talabni wkoll il-Kummissarju illi niltaqghu.

***Imhallef A Lofaro :***
Anke l-Kummissarju riedha din, prosit.

***Ix-Xhud :***
Iva. Fl-4 ta' Awwissu jiena bdejt bil-laqgha, dak iz-zmien kont ghadni id-Depot - il-Kwartieri Generali, fejn iltqajt mal-familja ta' Daphne Caruana Galizia flimkien ma' l-avukati tal-familja taghha, u wkoll niftakar illi kien ukoll iggonjana l-Kummissarju waqt din il-laqgha; u mieghi kelli spettur jew zewg spetturi mieghi waqt din il-laqgha. Jiena ovvjament ghamilt din il-laqgha ghaliex jiena nemmen fil-Victims of Crimes Act il-Kapitolu 539 tal-Ligijiet ta' Malta u l-vittma jiena intiha importanza. F' kull kaz, jiena, il-vittma ghalija qieghda fuq livell differenti …., all right, anke s-suspettat ghandu d-drittijiet tieghu, imma l-vittma ghandha d-drittijiet taghha illi ghandha d-dritt tkun taf fiex waslu l-investigazzjonijiet. U din tohorg mil-ligi. Apparti li jiena hassejt ukoll kif inhoss ghal kull vittma ili ghandna naghtu s-sapport u nuru l-empatija taghna lejn kull vittma ta' kull reati kriminali.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu; importanti hafna.

***Ix-Xhud :***
U nistqarr ukoll illi fil-gimghat jew jiem li gejjin skont jekk jippermettili ix-xoghol, ser nerga' naghmel.. insejjah ukoll laqgha ohra mal-fmilja specjalment mat-tifel Matthew Caruana Galizia.

***Imhallef A Lofaro :***
Matthew, iva.

***Ix-Xhud :***
Ghax kif ghedt, illi f’ din il-laqgha stajt ninnota that his eyes spoke volumes. Allura anke bhala sapport u forsi anke jkun irid jitkellem jiena nhossni fid-dover illi.., vera maghfusa bix-xoghol u bil-hin, imma nahseb il-vittma ghandha tinghata importanza.

***Imhallef A Lofaro :***
Prosit.

***Ix-Xhud :***
Mhux f’ dan il-kaz biss, imma f’ kull kaz ta’ attivita` kriminali. U anke l-Kummissarju wkoll jishaq dan il-. .

***Imhallef A Lofaro :***
It-tnejn li intom ta’ l-isess fhemna, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Prosit prosit. Ser nieqfu hawnhekk mal-gurnalisti please.

**Ix-xhieda ser tkompli fil-maghluq.**

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ l-**Assistent Kummissarju Alessandra Mamo** kif giet dettata minnha stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur